# ID-DAĦLA TAL-KUSTODJU L-ĠDID

Ġerusalem hi belt Għarbija, bħall-Imdina ta' Malta, u bħalha wkoll imdawra bis-swar. U fis-swar, bħall-Imdina wkoll, hemm il-bibien.

Bħall-bwieb tal-Imdina, il-bwieb ta' Ġerusalem għandhom l-isem, u bieb minnhom jgħidulu Bieb il-Ħalil. Il-Kustodju l-Ġdid, meta jasal Ġerusalem l-ewwel darba, jinżel mill-karozza ħada dal-bieb, għax hu l-eqreb bieb għad-Dejr il-Kbir ta' San Salvatur.

Il-Franġiskani jkunu jafu x'ħin sa jasal il-Kustodju tagħhom, għax jibgħatilhom telegramma. Għal hekk huma jibgħatu jħabbru lill-Insara, ħalli min ikun irid, imur Bieb il-Ħalil, jara għall-ewwel darba lill-Kustodju l-ġdid.

Hekk, meta l-Kustodju jasal, isib jistennewh ħafna nies: ir-Rħieb Franġiskani kollha; tnejn Dumnikani, tnejn Assunzjonisti, tnejn Benedittini u tnejn Ġeżwiti u tnejn minn kull ġens ta' Rħieb li hemm Ġerusalem. Qassisin tal-Patrijarka Latin; qassisin Griegi, Ortodossi u Kattoliċi; Qassisin Armeni, Qopti, Abbissini u Sirjani; il-Konslijiet tal-Italja, ta' Franza, ta' Spanja u ta' ġnus oħra Insara; kbarat tal-Gvern, Pulizija u dan. U ma' dawn kotra kbira ta' nies, Insara u m'humiex. Ikunu hemm ukoll is-subjien ta' li "Schola Cantorum" tal-Franġiskani, lebsin



**Il-Kustodju l-ġdid, P. Alberto Polidori, O.F.M., ibierek in-nies meta daħal fil-Knisja ta' San Salvatur. Warajh jidhru l-awtorità ċivili u reliġjużi.**

suttana żgħira ħamra, spellizza tarrakkmu, fuqha naqra ta' muzzetta u fiha barnuż.

Malli l-Kustodju jasal, il-kbarat jeħdulu b'idejh u jagħtuh il-merħba. Imbagħad ir-Rħieb u s-subjien jinqasmu f'żewġ saffi u jibdew jimxu qajl-qajl lejn id-Dejr u jkantaw il-'Benedictus'. Warajhom jimxu l-Kustodju u ma' dwaru l-kbarat u wara kull ħadd innies.

Jaslu d-Dejr u jidħlu l-knisja. Quddiem l-artal il-kbir ikun hemm skambella mrawma b'farxa tal-ħarir fuqha bil-għalma tal-Franġiskani, u żewġ imħaded, waħda għal-minkbejn u waħda għar-rkubtejn. Imma dik tkun hemm għad-dehra, għax il-Kustodju ta' Franġiskan li jkun, jiddejjaq joqgħod bi rkubtejh fuq imħadda ratba. Għal hekk joqgħod għar-rkubtejh quddiem l-iskambella, fuq tapit mifrux fuq l-art.

Wara li jagħti qima lill-Qurban Imqaddes, il-Kustodju jqum u jmur joqgħod fuq siġġu kbir tal-ġild, fil-ġenb tal-artal. Hemm, il-kbarat (konslijiet u dan) u r-Rħieb u l-Qassisin u fl-aħħar ix-xagħab, jiġifieri l-bqija tan-nies, jersqu tnejn-tnejn, ibusulu idejh, waqt li li-"Schola" tkanta kant sabiħ.

Wara kollox jarġa' joqgħod għar-rkubtejh quddiem il-Qorban, bħal qabel u n-nies jagħmlu bħalu. Imbagħad il-ġilwa toħroġ minn bieb il-knisja għal



**Ir-Rev.mu P. Alfredo Polidori, O.F.M., Kustodju ġdid tal-Qabar ta' Kristu jasal quddiem il-Bażilika. Quddiem jidhru l-qawwasa jew suldati lebsin bħat-Torok.**

ġewwa d-Dejr, u l-Kustodju wkoll, u n-nies titlaq lejn id-dar.

* * *

Daħla bħal din tarġa' ssir xi jumejn wara, jew il-għada, fil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu, f'Ġerusalem ukoll. Imbagħad Daħla oħra fil-Bażilka tat-Twelid f'Betlehem, u l-aħħar Daħla fil-Bażilka tal-Lunzjata (issa ta' San Ġużepp, għax tal-Lunzjata maħtuta) f'Nazaret. Kull darba jkun hemm jaraw il-Kustodju u jifirħulu l-kbarat tal-belt u għadd kbir ta' nies.



**Il-Kustodju l-ġdid għarkubtejh quddiem il-Ħaġra li fuqha Ġużeppi t'Arimatija u Nikodemu dilku l-Ġisem ta' Ġesù qabel difnuh.**